MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 66/2010

**Emidio u Catherine konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Av. Dr Kevin Mompalao li b'digriet tal-10 ta' Novembru 2010 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti George A. DeBrincat;**
**Av. Dr Mario Scerri li b'digriet tal-10 ta' Novembru 2010 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Valerie Grech, Tricia Hickman, Robert Stephan u Mark Stephan ilkoll ahwa Stephan.**

Il-Qorti,

Illi l-atturi ppremettew li huma dahlu f'kuntratt ta' appalt datat hamsa (5) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) mal-konvenut George A. DeBrincat fejn huma ntrabtu illi jiddemolixxu l-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Triq Ulisse, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex u

minflok jibnu u jlestu zewg flats (cjoe' il-flat fil-livell ta' first floor u dak ta' second floor markati bin-numru tlieta u erbgha), u in kontrakkambju huma kellhom jircievu l-flat fil-livell ta' semi-basement, il-groundfloor level flat u l-arja soprastanti l-flat internament markat bin-numru erbgha (4) u fuqha jibni flats ohra ghalihom innifishom.

Nonostante li huma wettqu l-kuntratt ta' appalt, il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tal-arja sovrastanti dawn il-flats ma giex ippubblikat peress li rrizulta li DeBrincat, kuntrarjament ghal kif gie dikjarat fil-kuntratt ta' appalt, mhuwiex is-sid uniku tal-fond *de quo* izda ghandu nofs indiviz ta' l-istess fond.

Irrizulta lill-atturi li n-nofs indiviz l-iehor tal-fond jappartjeni lil oht DeBrincat jew l-eredi taghha.

DeBrincat kien isostni li huwa kien proprjetarju uniku tal-fond u infatti pproceda b'kawza kontra l-eredi ta' ohtu izda tali kawza kienet b'ezitu sfavorevoli ghalih u dan permezz ta' sentenza li ngahtat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007).

In segwitu ghal dik il-kawza, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra DeBrincat ai termini ta' l-artikolu 1357 tal-Kap 16. Qabel ma ghadda t-terminu ghall-prezentata tal-kawza, il-partijiet resqu ghall-ftehim fejn gie ratifikat il-ftehim originali, u gie estiz il-validita' tal-istess sa zmien tliet (3) xhur minn meta huma jigu notifikati minn DeBrincat jew l-agent tieghu li ntlahaq ftehim bonarju ma' l-ahwa Stephan, jew li dawn ta' l-ahhar gew imgeghla gudizzjarjament sabiex DeBrincat ikun jista' jonora l-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' l-atturi.

Ebda ftehim ma ntlahaq bejn DeBrincat u Stephan u wisq anqas DeBrincat ma pprezenta xi proceduri gudizzjarji sabiex il-proprjeta' *de quo* tigi diviza.

Ghalhekk l-atturi qed jezercitaw fil-konfront ta' l-ahwa Stephan l-*actio debitor debitoris mei* sabiex il-fond jigi diviz b'mod u manjiera li l-partijiet li skont il-ftehim

bejnhom u DeBrincat kellhom jigu trasferiti lilhom jigu assenjati lil DeBrincat u minnu trasferiti lilhom.

Huma sostnew li b'konsegwenza tad-dewmien kollu li gie provokat bid-difett fit-titolu ta' DeBrincat sofrew danni ngenti, ghal liema danni jahti unikament l-istess DeBrincat.

Illi in ezercizzju tad-drittijiet li l-atturi jsostnu li jispettawhom kontra DeBrincat, u ta' dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, huma jridu jottjenu talba illi DeBrincat huwa ntitolat li jitlob u jesigi minghand l-ahwa Stephan kumpens in vista tal-fatt li huma gew arrikkiti per konsegwenza tal-intervent tal-istess DeBrincat sabiex gie demolit il-fond antik u minflok nofs indiviz ta' fond qadim, huma spiccaw proprjetarji ta' zewg flats lesti minn kollox.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex

1. In ezercizzju tad-drittijiet spettanti lilhom kontra DeBrincat, u ta' dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, tiddividi il-benefikati llum mibnija minflok il-fond antik 24, Triq Ulisse, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex b'mod u manjiera illi l-komoditajiet konsistenti f'zewg flats (cjoe' il-flat fil-livell ta' first floor u dak ta' second floor markati bin-numru tlieta u erbgha) jigi assenjat lill-ahwa Stephan u l-flat fil-livell ta' semi-basement, il-groundfloor level flat u l-arja soprastanti l-flat internament markat bin-numru erbgha (4) jigu assenjati lill-istess George DeBrincat; jew b'dak il-metodu alternattiv illi jigi stabbilit, okkorrendo ad opera ta' perit nominand;

2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni relativ ad opera ta' Nutar nominand, u bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-istess att, f'jum hin u lok illi jigu ffissati ghal dan l-iskop;

3. Tikkundanna lil George DeBrincat sabiex fuq l-istess att jittrasferixxi, b'titolu ta' *datio in solutum* lill-atturi l-komoditajiet illi jkunu gew assenjati lilu bis-sahha ta' dik id-divizjoni; u ghal dan il-ghan tordna l-pubblikazzjoni ta'

dan it-trasferiment ad opera ta' Nutar nominand, u bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-istess att, f'jum hin u lok illi jigu ffissati ghal dan l-iskop;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tad-difett fit-titolu ta' DeBrincat billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Tikkundanna lil DeBrincat ihallas dawn id-danni kif hekk likwidati;

6. Tiddikjara illi in ezercizzju tad-drittijiet spettanti lill-atturi kontra George DeBrincat, u ta' dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, l-ahwa Stephan ghandhom ihallsu lil George DeBrincat kumpens gust u adegwat in vista tal-fatt illi huma gew arrikkiti per konsegwenza tal-intervent tal-istess DeBrincat sabiex gie demolit il-fond antik u minflok nofs indiviz ta' fond qadim, huma spiccaw proprjetarji ta' zewg flats lesti minn kollox;

7. Tillikwida, okkorrendo ad opera ta' perit nominand, il-kumpens hekk pagabbli;

8. Tikkundannahom ihallsu lill-konvenut George DeBrincat, dan il-kumpens hekk likwidat, u tawtorizza lill-atturi illi jipprelevaw minn dan l-istess ammont dak l-ammont illi jkun gie likwidat a favur tal-attur fit-termini tar-raba' u l-hames talba ta' hawn fuq.

Illi l-Av. Dr Mompalao, kuratur deputat ta' DeBrincat, eccepixxa li:

1. Illi l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk filwaqt illi jirriserva li jirrispondi ulterjorment wara li jikkomunika ma' George DeBrincat minnu rapprezentat, fl-esteru, qieghed ghal kull buon fini jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u fl-istess hin jopponi t-talbiet attrici.

Illi Dr Mario Scerri, kuratur deputat ta' l-ahwa Stephan, eccepixxa li:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, indipendentement mill-kwistjoni jekk l-atturi jistghux jezercitaw l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuti fit-termini tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, il-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Triq Ulisse Marsalforn, Ghawdex, li trieghu qed tintalab id-divizjoni jifforma parti minn wirt indiviz tal-mejtin Antonio u Tereza Debrincat, genituri tal-konvenut George DeBrincat u nanniet materni tal-konvenuti ahwa Stephan ulied il-mejta Rosemarie Stephan (nee Debrincat), li mietu rispettivament fis-27 ta' Settembru 1973 u fil-11 ta' Lulju 1980, u ghaldaqstant in linea preliminari r-rikors guramentat huwa rritu u inammissibbli stante li mhuwiex konsentit illi tintalab divizjoni parzjali mill-assi ta' eredita' li ghadha mhux diviza (ara Appell Inferjuri, Farrugia vs Camilleri, 10/03/2004);

2. Illi l-eccipjenti nomine mhuwiex jaghti l-kunsens tieghu ghal din il-qasma parzjali;

3. Illi apparti l-kwistjoni jekk tistax tintalab divizjoni parzjali minghajr il-kunsens unanimu tal-kollitiganti kollha, hemm ukoll il-karenza tal-interess guridiku fl-atturi li jitolbu d-divizjoni ta' fond li jifforma parti minn wirt indiviz li tieghu l-atturi mhumiex werrieta u m'ghandhom ebda sehem;

4. Ghar-rigward it-tielet talba, il-ftehim tal-5 ta' Ottubru 1999, li l-konvenut George Debrincat ghamel ma' l-atturi, li permezz tieghu ntrabat li jittrasferilhom b'titolu ta' *datio in solutum* partijiet divizi mill-fond numru 24, Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex, huwa null, stante li dan il-ftehim jippresupponi divizjoni parzjali, haga li ma tistax issir ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija (ara P.A., Ellul vs Cassar, 20/03/2003; P.A. Casha vs Cutajar, 18/06/2004). Konsegwentement dak kollu li sar permezz ta' dak il-ftehim huwa null, u ghaldaqstant anke l-azzjoni odjerna hija nulla kif hemm kontemplat fl-artikolu 98 tal-Kap.12;

5. L-atturi m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti ahwa Stephan, u kull ftehim li sar bejn il-

konvenut George Debrincat u l-attur ma jorbotx lill-eccipjenti, li kienu estranei ghal dan in-negozju, u ghalihom dan il-ftehim huwa *res inter alios acta;*

6. Illi l-unika azzjoni li l-atturi ghandhom jew jista' ghad ghandhom hija biss fil-konfront tal-konvenut l-iehor George Debrincat, ghall-hlas tad-danni, kif qeghdin jitolbu permezz tar-raba' u l-hames talbiet taghhom;

7. Rigward is-sitta, seba', tmienja u disa' talbiet attrici, dawn huma wkoll improponibbli, hemm fihom il-karenza tal-interess guridiku, u ma jinkwadrawx ruhhom taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili stante li d-debitur tieghu, u cioe' l-konvenut George Debrincat m'ghandu ebda jedd jew azzjoni fil-konfront tal-eccipjenti ahwa Stephan billi dak li sar ma sarx bil-kunsens jew konoxxenza taghhom, anzi sar minn wara daharhom ad insaputa taghhom, u sar b'qerq u b'mala fidi billi l-konvenut George Debrincat ipprezenta ruhu bhala s-sid uniku u esklussiv tal-fond numru 24, Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex, meta kien jaf li dan il-fond ma jappartjenix kollu lilu, izda biss nofs indiviz minnu;

8. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz ghalhekk in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi u Dr Mario Scerri nomine.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum fuq l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-kuratur deputat Dr Mario Scerri.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi permezz ta' nota prezentata fl-20 ta' Lulju 2012, Dr Mario Scerri nomine irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tar-risposta guramentata tieghu filwaqt li zamm ferm il-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu.

Illi permezz ta’ din is-sentenza parzjali se tigi trattata l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta’ interess guridiku li tqajmet mill-konvenut nomine permezz ta’ zewg eccezzjonijiet

Qabel xejn dak li rrizulta mill-atti u dokumenti s’issa huwa s-segwenti:

- L-atturi ffirmaw kuntratt ta’ appalt fil-5 ta’ Ottubru 1999 mal-konvenut George DeBrincat. Il-ftehim kien li huma jwaqqghu l-fond numru 24, Triq Ulisse, Marsalforn u minflok jibnu binja. In kontrakambju huma kellhom jircievu zewg flats u arja soprastanti flat minnhom.

- L-atturi jsostnu li wettqu l-appalt izda meta mbaghad wasal iz-zmien ghall-pubblikazzjoni tal-att tat-trasferiment irrizuta li DeBrincat kellu titolu biss fuq nofs indiviz mill-istess fond.

- Irrizulta li n-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lil oht DeBrincat jew l-eredi taghha li huma l-konvenuti rapprezentati minn Dr Mario Scerri.

- DeBrincat ipproceda kontra ohtu jew l-eredi taghha billi sostna li kien intlahaq ftehim izda dawn il-proceduri kellhom ezitu sfavorevoli ghalih.

- Ghalhekk l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenut DeBrincat fit-termini ta’ l-artikolu 1357 izda qabel ma ghadda t-terminu ghall-prezentata tal-kawza, l-atturi u De Brincat resqu ghall-ftehim iehor.

- Evidentement ma ntlahaq ebda ftehim bejn DeBrincat u l-ahwa Stephan u DeBrincat ma pprocedix gudizzjarjament biex tigi diviza l-proprjeta’.

- Kwindi l-atturi pprezentaw din l-azzjoni surrogatorja sabiex il-fond jigi diviz u jinghata effett ghall-ftehim u qeghdin jitolbu danni fil-konfront ta’ DeBrincat.

- Fl-ahharnett isostnu li DeBrincat ghandu fil-konfront ta’ l-ahwa Stephan id-dritt li jezigi kumpens in vista li huma arrikkew ruhhom peress li l-fond gie demolit u minflok nofs

indiviz ta' fond qadim illum huma proprjetarji ta' zewg flats lesti minn kollox.

▪ L-ahwa Stephan isostnu li kollox sar minn wara daharhom u huma qatt ma awtorizzaw lil DeBrincat u kwindi apparti l-eccezzjonijiet l-ohra kollha jsostnu li DeBrincat m'ghandu l-ebda azzjoni ta' arrikkament indebitu fil-konfront taghhom.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, Dr Mario Scerri nomine jsostni li l-azzjoni odjerna ghandha kumulu tal-azzjonijiet f'kawza wahda u ghalhekk hemm lok ghal nullita' tal-kawza. Tali eccezzjoni ma tqajmitx formalment minnu fir-risposta guramentata izda jsostni li tali eccezzjoni hija ta' natura ta' ordni pubbliku u tista' titqajjem mill-qorti *ex officio.*

Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Cristina pro et vs Eleonora Mizzi et**[1] l-argumenti u r-ragunamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligawx lill-qorti li tqishom bhala tali ghaliex dan ikun jammonta ghal strap procedurali li jista' jkun ta' pregudizzju ghall-kontro-parti.

Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut nomine Dr Scerri mhux korrett fis-sottomissjoni tieghu. L-atturi ghandhom konvenju ma' DeBrincat li ma giex esegwit peress li dan ta' l-ahhar mhux proprjetarju wahdu tal-fond inkwistjoni, u Dr Scerri nomine hu l-komproprjetarju l-iehor. Kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri l-atturi qeghdin jitolbu li:

(i) in ezercizzju tad-drittijiet kuntrattwali pretizi minnhom li jsostnu li huma naxxenti favur taghhom kontra George DeBrincat mill-ftehim ta' appalt u konvenju, u bis-sahha tal-*actio debitor debitoris mei* u mhux b'azzjoni diretta, id-divizjoni tal-imsemmi fond;
(ii) in ezercizzju ta' dawn id-drittijiet kuntrattwali pretizi l-atturi qeghdin jitolbu li George DeBrincat jigi

[1] Deciza fis-27 ta' Marzu 2003

kkundannat jittrasferixxi b'titolu ta' *datio in solutum* lilhom il-komoditajiet li jigu assenjati lilu f'dik id-divizjoni;
(iii) jigu likwidati d-danni allegatament sofferti minhabba l-inadempjenza kuntrattwali ta' DeBrincat;
(iv) in ezercizzju tad-drittijiet kuntrattwali naxxenti favur taghhom kontra DeBrincat mill-ftehim ta' appalt u konvenju, u bis-sahha tal-*actio debitor debitoris mei* qeghdin jitolbu li jigi likwidat kumpens li skont huma huwa dovut minn Dr Scerri nomine lil DeBrincat minhabba arrikkiment li gawdew fil-valur tal-fond;
(v) in ezercizzju tal-istess drittijiet, Dr Scerri nomine ghandu jhallas lil DeBrincat tali kumpens sabiex huma jkunu jistghu jipprelevaw l-ammont dovut lilhom minn DeBrincat.

Ma jirrizultax li hemm xi kumulu jew konfuzjoni fit-talbiet. It-talbiet jirreferu ghal negozju guridiku wiehed ossija l-ftehim ta' appalt u konvenju li l-atturi ghandhom ma' DeBrincat dwar il-fond li dan ta' l-ahhar hu komproprjetarju tieghu flimkien ma' l-ahwa Stephan.

Dr Mario Scerri nomine qieghed jeccepixxi <u>n-nuqqas ta' interess guridiku</u> fir-rigward tas-segwenti:

Fit-tielet eccezzjoni jsostni li *"hemm ukoll il-karenza tal-interess guridiku fl-atturi li jitolbu d-divizjoni ta' fond li jifforma parti minn wirt indiviz li tieghu l-atturi mhumiex werrieta u m'ghandhom ebda sehem"*

Fis-seba' eccezzjoni jsostni li:

*"Rigward is-sitta, seba', tmienja u disa' talbiet attrici, dawn huma wkoll improponibbli, hemm fihom il-karenza tal-interess guridiku, u ma jinkwadrawx ruhhom taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili stante li d-debitur tieghu, u cioe' l-konvenut George Debrincat m'ghandu ebda jedd jew azzjoni fil-konfront tal-eccipjenti ahwa Stephan billi dak li sar ma sarx bil-kunsens jew konoxxenza taghhom, anzi sar minn wara daharhom ad insaputa taghhom, u sar b'qerq u b'mala fidi billi l-konvenut George Debrincat ipprezenta ruhu bhala s-sid uniku u esklussiv tal-fond numru 24, Triq Ulisse ,*

*Marsalforn, Ghawdex, meta kien jaf li dan il-fond ma jappartjenix kollu lilu, izda biss nofs indiviz minnu".*

Illi dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[2] fejn il-Qorti ta' l-Appell tenniet li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita' shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss tikkoncerna lilu. Din is-sentenza ghaddiet imbaghad biex telenka l-principji li ghandhom iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi l-Qorti biex tirrisolvi vertenza ta' din ix-xorta. Il-principji huma s-segwenti :

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.
(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;
(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ngustizzja li tkun giet maghmula kontriha;
(iv) l-interess guridiku jrid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;
(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;
(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

[2] App Civ Nru: 621/2001 deciza fit-28 ta' Novembru 2003

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghall-azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;
(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;
(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Sabiex jigi ezaminat jekk l-atturi ghandhomx interess guridiku jehtieg li jigi determinat x'tip ta' azzjoni qeghdha tigi promossa. Huwa evidenti minn qari tar-rikors promotur anki kif dikjarat mill-atturi fl-istess nota ta' sottomissjonijiet taghhom li l-kawza ntentata hija dik maghrufa bhala *actio debitor debitoris mei* a tenur ta' l-artikolu 1143 tal-Kap 16.

L-artikolu 1143 tal-Kap 16 jipprovdi:

*"Kull kreditur jista' biex jithallas ta' dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali".*

Minn dan l-artikolu jemergi li l-kreditur qieghed jaghmel uzu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu izda jkun jappartjeni lid-debitur tieghu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun mehuda *in jure debitoris* u mhux *in jure suo.* Bid-dispost ta' dan l-artikolu, il-kreditur qieghed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur. L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jezercita jeddijiet jew azzjonijiet ghal kollox personali bhal

per ezempju, kaz ta' separazzjoni, divorzju jew talba ghall-filjazzjoni ossija bhalma huma kawzi li ghandhom x'jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi mieghu[3].

Fil-kawza **Stephenson vs Sciberras Camilleri noe**[4] intqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova:

*Illi ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja min-naha tal-kreditur, m'huwiex mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu, u din tista' tinbeda minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista' juri. Lanqas jista' jinghad li, bl-agir tal-kreditur, issehh surroga - fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-kuncett - fil-jeddijiet li d-debitur jista' jkollu kontra d-debitur tieghu. Ghalhekk, ghalkemm din l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala actio indirecta vel obliqua, ma hemm xejn x'izomm lill-kreditur li jmexxi 'l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu;*

*Illi, bhal f'kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu nteress li jressaq l-azzjoni, liema nteress, per ezempju, jigi nieqes jekk kemm-il darba m'hemm l-ebda dubju li d-debitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga' beda minn rajh proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom[5].*

*Fid-dawl tal-attwalita' tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu jrid ikun dovut, u mhux sospiz b'xi kundizzjoni li zzommu milli jista' jibda' procedura diretta kontra d-debitur tieghu;*

*Illi, madankollu, l-attur kreditur huwa prokurator in rem suam, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma' dak tad-debitur tieghu[6]. Kif*

---

[3] **Zahra et vs C. Pace et,** Appell Nru: 518/1995 deciza fit-3 ta' Marzu, 2006
[4] Cit Nru: 799/98JRM deciza fit-30 ta' Mejju, 2002
[5] Amos & Walton, Introduction to French Law, pag.242
[6] Ara kawza fl-ismijiet **Galea vs Attard et** deciza fit-13 ta' Gunju 1959, Kollez. Vol. XLII.II.1102

*inhuwa sewwa mghallem mill-awturi dwar dan is-suggett, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja, iressaq azzjoni msejsa fuq jedd "...non suo ma sibbene del debitore, e quindi agisce non 'jure proprio' ma 'ex juribus debitoris', e sotto tale rispetto e' un avente causa del debitore, e non un terzo; attore nel suo interesse personale, perche' non ha in mira il vantaggio del debitore, ma soltanto il suo, che consiste nel conseguire, o subito o piu' tardi, il pagamento del credito proprio."*[7] *Din hija silta tassew cara li turi sewwa kif ghandha titqies l-azzjoni surrogatorja;*

*Illi l-mistoqsija li tinqala' hija jekk il-kreditur huwiex mehtieg li jharrek biss lid-debitur tad-debitur tieghu jew jekk ghandux iharrek ukoll lid-debitur ewlieni. Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta fuq dan il-fatt, ghall-kuntrarju ta' dak li tipprovdi l-ligi taljana*[8]*, il-bixra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, biex is-sentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll u biex il-gudizzju jkun shih*[9]*. Dan ghaliex fil-kaz ta' success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda privilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju tad-debitur tieghu u jibqa' suggett ghal xi jeddijiet li kredituri ohrajn ta' dak id-debitur jista' jkollhom fuq hwejgu, sakemm f'kaz eccezzjonali ma ssirx talba diretta mill-kreditur attur ghall-kundanna tad-debituri tad-debitur tieghu ghall-hlas lilu tal-kreditu dovut*[10]*;"*

F'din l-istess sentenza ntqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova

(a) li hu tassew kreditur tad-debitur;
(b) li l-kreditu tieghu huwa fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali;
(c) li d-debitur ikollu jedd, ta' natura patrimonjali, u miftuh ghalih, kontra d-debitur tieghu;

---

[7] **Giorgi,** Teoria delle Obbligazioni, Vol II, par. 197
[8] Ara art 2900 tal-Kodici Civili Taljan
[9] Ara per ezempju, Ripert & Boulanger, Traite' elementaire de droit Commercial, Vol II par 1382; u App Civ 29.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet **Paris et vs Grech pro et noe,** Kollez. Vol XXXII.I.125 u Kumm 15.4.1955 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri noe vs Spiteri Debono,** Kollez Vol XXXIX.II.602
[10] Cassazione 10.1.1996

(d) li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma mpurtahx, li b'ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu;
(e) li, bin-nuqqas tal-agir f'waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur;
(f) f'kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, irid jipprova wkoll li l-kreditu tad-debitur tieghu li dan ghandu kontra t-terz debitur.

L-azzjoni ndiretta hija azzjoni li ssir *in nomine debitoris,* u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azzjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lill-kreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta' dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista' jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azzjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azzjoni, izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk awmentati tad-debitur[11].

Kwindi trattandosi ta' azzjoni ndiretta l-interess guridiku li jrid jissussisti huwa dak tal-kreditur fil-konfront tad-debitur tieghu, u wkoll tad-debitur fil-konfront tat-terz.

Dr Scerri nomine qieghed jeccepixxi l-karenza ta' interess guridiku peress li jsostni li l-atturi mhumiex komproprjetarji tal-fond inkwistjoni u kwindi ma jistghux jitolbu d-divizjoni ta' dan il-fond. Huwa jsostni li dan il-fond huwa proprjeta' indiviza tal-konvenuti ahwa Stephan u DeBrincat. L-argumentazzjoni hija li d-dritt li komproprjetarju jaqsam huwa dritt personali u ghalhekk l-artikolu 1143 ma jistax jigi nvokat.

Dr Scerri jsostni li bil-konvenju li gie ffirmat bejn l-atturi u l-konvenut DeBrincat l-atturi m'akkwistawx drittijiet fuq il-proprjeta' li taghha qed tintalab id-divizjoni u l-atturi jista'

[11] Ara **HSBC Bank (Malta) Limited vs Price Club (Swatar) Limited et,** Cit Nru: 413/2002TM deciza fit-12 ta' Ottubru 2006

jkollhom biss dritt ghar-rizarciment tad-danni fil-konfront ta’ DeBrincat talli ntrabat li jitrasferixxi proprjeta’ li ma kinitx kollha tieghu u jesgwixxu l-kreditu fuq is-sehem indiviz li ghandu DeBrincat jew igeghlu lill-konvenut icedi u jittrasferixxi sehmu mill-fond lilhom.

Huwa jsostni li l-atturi ghadhom ma gabux dikjarazzjoni minn qorti li huma kredituri tal-konvenut DeBrincat u kwindi m’ghandhomx jedd jezercitaw l-artikolu 1143 u dan peress li azzjoni hija preordinata ghall-azzjoni l-ohra. In vista li ghadu ma giex stabilit gudizzjarjament li l-atturi huma kredituri ta’ De Brincat isegwi li l-interess taghhom huwa wiehed ipotetiku u m’hemm xejn konkret biex jaghti dritt lill-atturi li jezercitaw l-azzjoni taht l-artikolu 1143.

Dr Scerri nomine jsostni wkoll li hemm karenza ta’ interess guridiku a rigward ta’ l-ahhar tliet talbiet peress li l-konvenuti Stephan m’ghandhom ebda relazzjoni guridika la ma’ l-atturi u lanqas ma’ zijuhom De Brincat ghaliex huma, li jghixu fl-esteru, ma kienux jafu x’kien qieghed jaghmel De Brincat minn wara daharhom u wisq aktar awtorizzawh jaghmel dak li ghamel. Isostnu li l-konvenut mexa b’mala fidi meta pprezenta ruhu mal-atturi bhala s-sid esklussiv tal-fond meta kien jaf li ma kienx, u min-naha tal-atturi setghu jaghmlu r-ricerki. Ghalhekk De Brincat m’ghandux azzjoni ghar-rizarciment tad-danni jew hlas ta’ kumpens ta’ spejjez li saru mill-atturi minghand l-ahwa Stephan.

Illi dak li sostnew il-konvenuti ahwa Stephan li l-ewwel il-kreditur jrid jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li huwa kreditur qabel ma jezercita azzjoni a tenur ta’ l-artikolu 1143 mhux korrett. Infatti fis-sentenza precitata fl-ismijiet **Stephenson vs Dr Sciberras Camilleri nomine** ntqal b’mod car li filwaqt li l-kreditur irid jipprova kemm il-kreditu tieghu kontra d-debitur tieghu, u kif ukoll il-kreditu tad-debitur tieghu kontra d-debitur ta’ dan, l-attur kreditur jista’ jaghzel kemm li jikkonferma b’azzjoni precedenti l-kreditu tieghu kontra d-debitur, imma jista’ wkoll jaghzel li jaghmel dan fl-azzjoni surrogatorja nnifisha. **Dan izda jfisser li, f’kaz fejn l-azzjoni surrogatorja ssir qabel mal-kreditur ikollu sentenza jew titolu esekuttiv iehor li**

**jikkonferma l-kreditu, l-attur kreditur ma jistax ma jitlobx ukoll il-kundanna tad-debitur tieghu ghall-hlas tal-kreditu[12].** Jekk ghal xi raguni, l-attur kreditur ma jsehlux jeghleb dan l-ewwel ghan, ma jiswielu xejn li jittanta jimxi 'l quddiem ghat-tieni rigward. Infatti dan huwa dak li l-atturi qeghdin jittentaw jaghmlu permezz ta' l-azzjoni odjerna u dan jirrizulta mill-premessi u mit-talbiet attrici.

M'hemmx dubju li r-rekwizit ta' interess guridiku ghall-atturi huwa pjenament sodisfatt : (i) L-allegat ksur ta' jedd ta' l-atturi jikkonsisti fin-nuqqas da parti ta' DeBrincat li jottempera ruhu ma' dak imwieghed minnu fil-kuntratt bejn il-partijiet; u, imbaghad bl-ezercizzju tal-*actio debitor debitoris mei* fir-rifjut da parti tal-konvenut nomine li jersaq ghall-kuntratt ta' divizjoni tal-fond de quo u r-rifjut li jhallas kumpens lil DeBrincat minhabba l-allegat arrikkiment tal-assi tal-ahwa Stephan.; (ii) certament li jekk din l-azzjoni tirnexxi din se tkun ta' utilita' u vantagg ghall-atturi; (iv) m'hemmx dubju li l-interess ghadu jissussisti; (v) qieghed jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid.

Il-konvenut nomine meta qieghed isostni li De Brincat m'ghandux jedd ta' azzjoni fil-konfront ta' l-ahwa Stephan billi mexa b'mala fidi u l-atturi setghu ghamlu r-ricerki hija kwistjoni li titratta l-mertu tat-talbiet attrici.

Dawn l-eccezzjonijiet qeghdin jitrattaw jekk il-pretensjonijiet tal-atturi li jitolbu divizjoni tal-fond u jitolbu kumpens ghall-arrikkiment fl-assi tal-konvenut nomine minhabba x-xoghlijiet imwettqa minnhom humiex iggustifikati jew le. Biss pero' din hija kwistjoni totalment separata u distinta mill-kwistjoni ta' interess guridiku. Infatti jista' jaghti lok li ghalkemm attur ikollu interess guridiku biex jippromwovi azzjoni l-qorti sussegwentement tichad it-talbiet tieghu.

Il-konvenut nomine wkoll sostna li d-dritt ta' komproprjetarju li jitlob divizjoni ta' assi mmobiljari huwa wiehed 'ghal kollox personali' u kwindi l-azzjoni odjerna

---

[12] Enfasi ta' din il-qorti

ma setghetx tigi promossa. Kif qalu tajjeb l-atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom tali sottomissjoni hija aktar eccezzjoni milli li taqa’ fl-ambitu ta’ l-interess guridiku liema eccezzjoni ma tqajmitx formalment fir-risposta guramentata.

Izda rrispettivament minn dan jinghad li meta l-ligi titkellem dwar azzjonijiet ‘ghal kollox personali’ hawn si tratta ta’ dawk l-azzjonijiet li jmissu l-istatus personali tad-debitur. Oltre’ dan issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Michele Galea vs A. Attard et**[13] fejn f’dik il-kawza giet ezercitata l-azzjoni surrogatorja mill-kreditur u ntalbet divizjoni l-qorti ammettiet tali talba. Tenniet li l-kreditur ta’ persuna li tipposjedi beni stabbli in komun ma’ ohrajn li jitlob id-divizjoni ta’ dawk l-istabbli bejn id-diversi komproprjetarji biex ikun jaf liema stabbili jappartjenu lid-debitur tieghu, u dan biex ikun jista’ jezegwixxi l-kreditu tieghu fuq il-beni li jmissu lid-debitur tieghu ghandu l-istess drittijiet li jikkompetu lid-debitur tieghu, fosthom dak li jinsisti li d-divizjoni ma ssirx b’assenjazzjoni, imma bix-xorti, u illi jekk id-divizjoni ma tistax issir bix-xorti, li jigi adottat ir-rimedju tal-licitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel u tieni eccezzjonijiet tal-konvenut Dr Scerri nomine in vista li gew irtirati, tichad it-tielet u s-seba’ eccezzjoni tal-konvenut Dr Mario Scerri nomine inkwantu gie eccepit in-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ l-atturi, bl-ispejjez a karigu ta’ l-istess konvenut nomine.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Per Imhallef Dr A. Magri deciza fit-13 ta’ Gunju 1958